# *Kanzunetta Uffiċjali Jum iż-Żgħażagħ 2010*

## Gwida Għall-Parteċipanti

**Konkors:**

Il-konkors ser isir nhar is-Sibt 13 ta' Novembru, 2010.

**Applikazzjonijiet:**

L-applikazzjonijiet ta' min hu nteressat li jipparteċipa fil-konkors għandhom jaslu l-uffiċċju tal-KDZ (492/3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014) sa nhar il-Ġimgħa 8 ta' Ottubru 2010. Flimkien mal-applikazzjoni ta' reġistrazzjoni għandhom jaslu wkoll kopja tal-lirika, il-kordi u demo ta' l-innu. Id-demo mhemmx għalfejn li jkun ta' kwalitá professjonali. Aplikazzjonijiet li jaslu wara l-Ġimgħa 8 ta' Ottubru 2010 ma jiġux ikkunsidrati.

**Kanzunetta:**

a. trid tkun kompożizzjoni oriġinali tal-grupp;
b. tista' tkun kemm bl-Ingliż jew bil-Malti;
c. irid ikollha kliem li jwassal il-messaġġ tat-tema (Kol 2,7) kif ukoll tkun tixraq bħala *Theme Song* għall-Jum iż-Żgħażagħ.
d. Il-copyright tal-kanzunetta tibqa tal-awturi u l-kompożituri, għalkemm il-KDZ iżżomm id-dritt li bi ftehim mal-grupp, tkun tista tagħmel użu mill-kanzunetti li jiġu sottomessi.

**Għażla:**

Il-ġurija ser tagħmel l-għażla tagħha skond dawn il-kriterji:

a. **Kliem**: Ir-relevanza mal-messaġġ ta' Jum iż-Żgħażagħ, iċ-ċarezza fil-messaġġ, il-poeżija fil-kliem;
b. **Mużika**: Apprezzament għall-istil, l-instrumenti, il-vuċijiet, l-melodija u arranġamenti;
c. **Oriġinalitá**: Kemm il-kanzunetta miktuba għall-konkors hi verament oriġinali u fl-istess ħin tissodisfa l-bżonnijiet bħala kanzunetta uffiċjali;
d. **Interpretazzjoni**: It-*teamwork* bejn il-membri tal-*band*, il-ħeġġa li biha jinterpretaw il-kanzunetta tagħhom, kemm idoqqu/jkantaw bil-qalb;
e. **Rispons mill-udjenza**: Kif tiġi milqugħa l-kanzunetta mill-udjenza li tinġabar. Liema atmosfera jqanqal waqt l-interpretazzjoni. Ir-*response* ta' l-udjenza jagħti idea ta' kif il-kanzunetta tinżel ma' udjenza żagħżugħa.

Dakinhar tal-konkors, il-gruppi jistgħu ukoll idoqqu sa 2 *numbers* oħra mir-repertorju tagħhom (mhux neċessarjament oriġinali) li, flimkien mal-kanzunetta tal-konkors, mgħandhomx jaqbżu l-ħin ta' 10 minuti. (Dan kollu jista' jinbidel skond in-numru ta' konkorrenti).